MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Numru. 542/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**

**vs**

**Johann Desira**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Johann Desira ta’ 33 sena, bin Saviour u Mary nee’ Barbara, imwieled il-Pieta’, fil-5 ta’ Gunju 1976 u residenti 71, ‘M.M.Grazzja’, Triq Kottonera, il-Birgu u detentur tal-karta tal-identita’ numru 288076(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-perjodu ta’ bejn it-28 t’Awwissu, 2009 u l-4 ta’ Settembru, 2009, iffalsifika att awtentiku jew pubbliku, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq

pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti, skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk il-fatti jew skritturi kellhom ikollhom fihom;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tapplika l-artiklu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 31 ta' Mejju 2010 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2010 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-22 ta' Ottubru 2010 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li huwa li kkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll kkunsidrat ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------